# Animazzjoni - Solennità tat-Trinità (Sena Ċ)

## Dħul:

Illum il-Knisja tiċċelebra s-Solennità tat-Trinità Qaddisa. Din is-solennità tistedinna sabiex nistqarru tassew it-twemmin tagħna f'Alla wieħed fi tliet persuni.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

## Qari:

Fil-Liturġija tal-Kelma, nisimgħu dwar l-importanza ta' Alla fil-ħajja tagħna. Permezz tal-fidi tagħhom f'dan Alla li kien minn dejjem, li l-ewwel insara kienu kapaċi jibqgħu mexjin mingħajr ma jaqtgħu qalbhom. Ġesù jagħżel li ma jħabbrilhomx kollox f'daqqa iżda jħalli f'idejn id-difensur li hu kien ser jibgħat biex iwasslilhom kollox.
Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**Salm Responsorjali:** Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

## Offertorju:

Il-qofol tal-fidi tagħna hija l-fidi fit-Trinità Qaddisa. Din il-fidi hija għajn ta' ferħ bla tmiem.
Ejjew inroddu ħajr lil Alla għal dan il-misteru hekk kbir.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

## Tqarbin

Min jgħix fi Kristu u jxandar il-Kelma tiegħU jibqa' fl-imħabba, fis-sliem, u fl-għaqda mal-bniedem. L-Ewkaristija tagħtina dan is-sostenn hekk qawwi
B'dan l-atteġġjament, nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.